# Allowances u Benefiċċji— Dħul u Test tal-Assi




*Allowances and Benefits – Income and Assets Tests*—**Maltese**

It-testijiet tad-dħul tal-allowances u l-benefiċċji u tal-assi japplikaw għal Newstart Allowance, Special Benefit, Partner Allowance, Widow Allowance, Sickness Allowance, Mature Age Allowance u Parenting Payment li jitħallsu lil klijenti li jkollhom sieħeb/sieħba. Klijenti li jitħallsu Single Parenting Payment għandhom jaqraw l-informazzjoni dwar *il-Pensjonanti – Testijiet tad-Dħul u l-Assi*.

## Tabella tal-Assi għal skopijiet ta' allowances u benefiċċji

| Test tal-assi | Ma jsirx ħlas jekk l-assi tiegħek ikunu aktar minn* |
|---|---|
| Persuna waħidha, sid tad-dar | $178 000 |
| Persuna waħida, li ma tkunx sid tad-dar | $307 000 |
| Koppja, sidien tad-dar | $252 500 (flimkien) |
| Koppja li ma jkunux sidien tad-dar | $381 500 (flimkien) |

* Il-limiti tal-assi huma l-istess bħat-test tal-assi tal-pensjoni. Fejn il-limiti ma jinqabżux, il-ħlas isir skont it-test tad-dħul. Jistgħu japplikaw proviżjonijiet għal dawk li jkunu għaddejjin minn tbatija.

## Test tad-dħul

Kemm persuni waħidhom u anke kull membru ta' koppja li jkunu qegħdin jirċievu allowances jistgħu jaqilgħu sa $62.00 kull ħmistax mingħajr ma l-ħlas tagħhom ikun affettwat. Il-ħlas jitnaqqas b'50 ċenteżmu għal kull dollaru ta' dħul bejn $62.00 u $250.00 kull ħmistax. Kull dollaru ta' dħul aktar minn $250.00 kull ħmistax inaqqas il-ħlas b'60 ċenteżmu. Special Benefit (Benefiċċju Speċjali) ma jinkludix oqsma ħielsa milli jkunu affettwati, il-benefiċċju jitnaqqas b'dollaru għal kull dollaru ta' dħul.

**Il-figuri kollha huma kurrenti mill-20 ta' Settembru 2009.**

Biex tkellem lil Centrelink bil-Malti, ċempel **13 1202***. Tagħrif bil-lingwa tiegħek jista' jinkiseb fuq il-websajt **www.centrelink.gov.au**

*Ħlas għal telefonati mit-telefon tad-dar tiegħek għal numri ta' Centrelink li jibdew "13" ivarjaw skont il-provditur tas-servizz tiegħek. Telefonati għal numri li jibdew "1800" mit-telefon tad-dar tiegħek huma b'xejn. Telefonati minn telefon pubbliku u telefon ċellulari jkunu iċċarġjati rata ogħla.



Australian Government | Centrelink giving you options

www.centrelink.gov.au